MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2002

Avviz Numru. 103/2002/1

**Awtorita' tad-Djar**

**vs**

**John Aquilina**
**(ID 842255M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Marzu 2012 fejn l-Awtorita' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' seba' t'elef, seba mija u hamsa u sebghin Ewro, sitta u erbghin centezmu (€7,775.46) rapprezentanti rifuzjoni ta' ghotja/sussidju moghti fuq tiswijiet a bazi ta' ftehim datat 10 ta' Lulju 2006 u dan peress illi l-intimat kien obbligat jokkupa l-fond maghruf bhala 17, Triq Dun Guzepp Vella,

Qormi ghal perjodu ta’ ghaxar snin minn meta nghata l-ghotja.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra bonarja datat 24 ta’ Novembru 2010 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lilu fit-13 ta’ April 2012, u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Mark Dimech datata 16 ta’ April 2012 (fol 12 tergo).

Illi fis-seduti tat-30 ta’ April 2012 u tat-12 ta’ Lulju 2012, il-Qorti giet infurmata illi kien hemm probabilta’ ta’ transazzjoni.

Illi fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2012 il-Qorti giet infurmata li transazzjoni ma sehhietx u l-Awtorita’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 40).

Illi fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2012, ma deher hadd mill-konvenuti sabiex jikkontesta il-kaz u il-kawza giet differita ghas-seduta tat 22 ta’ Ottubru 2012.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-Awtorita’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’ l-istess Awtorita’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-Awtorita’ attrici s-somma ta’ seba’ t’elef, seba mija u hamsa u sebghin Ewro, sitta u erbghin centezmu (€7,775.46) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------